# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, it-12 ta' Lulju, 2023

Avviz tat-Talba numru: 6/2023 CL

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Rita Refalo**

**VERSUS**

**Michael Scicluna (KI 0383875M)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fis-6 ta' Jannar 2023 fejn is-socjeta rikorrenti Elmo Insurance Limited talbet is-somma komplessiva ta' seba' mija u a hames euro hamsa u ghoxrin centezmu (€705.25) li tirraprezenta d-danni kollha sifferti minn Rita Refalo. Assikurata mas-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited, j-hekk kif jidhru fid-dokumenti annessi u mmarkati Dok A, u li ghalihom ghamlet tajjeb s-socjeta attrici bhala indennizz a favur l-assikurat taghha u dan in segwitu tal-incident illi sehh fl-14 ta' Marzu 2021, fi Triq id-Duluri, Birzebbugia (kif jirrizulta mir-rappoirt tal-pulizija Dok B), meta hadida illi kienet tifforma parti mill-grada illi kienet taghlaq sit tal-kostruzzjoni fl-imsemmija triq, liema sit kien jappartjeni lill-konvenut jew kien qieghed taht il-kontroll tieghu, waqghet fuq vettura vin-numru ta' registrazzjoni EBZ102, li kienet ipparkjata, appartjenenti lill-assikurat tas-socjeta' attrici Rita Refalo. Isegwi ghalhekk illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-insemmi incident u ghad-danni konsegwenzjali subiti mis-socjeta attrici. Talbet sabiex it-Tribunal jiddikjara l-konvenut Michael Scicluna unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-14 ta' Marzu 2021, fi Triq id-Duluri, Birzebbugia u jikkundana lill-istess konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' €705.25 rapprezentanti d-danni subiti rizulatat tal-incident *de quo.* Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru 2022, u bl-imghax legali mill-24 ta' Novembru 2021 sad-datat tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi minkejja li l-konvenut gie nnotifikat bit-talba oderna fid-16 ta' Jannar 2023, ma ipprezentax risposta fit-terminu tal-ligi u ghalhekk gie ddikjarat kontumaci fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023. Is-Socjeta attrici ipprezentat kapitoli fil-konfront tal-konvenut, li ma deherx fis-seduti ssusegwenti.

Fil-29 ta' Marzu 2023, xehed PC1401 Christopher Copperstone li kien ha r-rapport ta' Charlie Polidano nhar l-14 ta' Marzu 2021 ghal habta tas-2.00pm,

fejn kien ra l-hsarat fuq in-naha tax-xellug tal-bieba ta' wara tal-vettura tieghu bin-numru EBZ102. Fl-14 ta' Marzu 2021, ghall-habta tal-5.00pm, pulizija tad-distrett PS821, mar fuq il-post fejn innnuta vettura bin-numru ECD995 tat-tip Chevrolet Spark li kelllu xi hsarat mill-hadid li kien jiccirkonda sit ta' kostruzzjoni. Ipprezenta r-rapport mmarkat Don CC1. Xehed John Polidano li kif hareg mid-dar tieghu f'Birzebugia u dahal fil-vann innota hadid fuq il-karozza tal-partner tieghu Rita Refalo u dahal fiha u resaqha biex jnehhi l-hadid. Il-pulizija hadu xi ritratti fis-7.00pm u wara kien innota li l-genb kien intalqat ukoll ghax induna wara. Xehdet Rita Refalo li l-vettura taghha bin-numru EBZ102 kienet inxurjatha ma' Elmo Insurance.

Xehed George Stagno Navarro li huwa rapprezentant tas-socjeta Elmo Insurance Ltd u ikkonferma illi l-vettura tal-ghamla Honda Fit bin-numru EBZ-102 kienet inxurjata maghhom f'isem Rita Refalo kienet assigurata mit-13 ta' Gunju 2020 sal-31 ta' Mejju 2021U esbixxa polza li gie mmarkat bhala GSN1, l-claim form li gie ezebit u mmarkat Dok GSN2 u kopja tal-ittra li bghatu lil Michael Scicluna Dok GSN3. Huma bghatu s-surveyor taghhom, John Callus li kien ghamel stima tal-hsarat u kellu l-ispejjez tal-hsarat li gie immarkat Dok GSN4.

Fis-17 ta' Mejju 2023, xehed PS821, Matthew Abela Galea, illi fl-14 ta' Marzu 2021, Charles Polidano kien mar jaghmel rapport l-ghassa li kienet waqghet grada fuq il-vettura. Hu mar fil-post u sab li grada, li kienet taghlaq sit ta' kostruzzjoni,li kienet maqluba fuq vettura ohra. Huma iccekjaw mal-Awtorita tal-Ipjannar u sabu li kien hemm applikazzjoni fuq George Scicluna . Meta kelmuh hu qalilhom li s-sit kienet ta' huh Michael Scicluna. Meta kellem lil Michael Scicluna, hu ikkonferma li kien is-sid u qallu bir-rapport u biex jaghmel ir-riparazzjonijiet fis-sit ta' kostruzzjoni tieghu, ipprezenta rapport mmarkat Dok MAG 1. Is-Socjeta attrici iddikjarat illi ghalqet il-provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkonsidrat**

Illi mill-atti jirrizulta illi kien hemm xi hadid fuq sit ta' kostruzzjoni li kienu waqghu fuq il-vettura bin-numru EBZ102, propjeta ta' Rita Refalo li kienet assikurata mas-socjeta attrici. Ra illi l-konvenut Michael Scicluna kien is-sid tal-propjeta li kienet iccirkondata bil-hadid, liema hadid kien ikkawza l-hsarat. Ra illi ghalkemm nnotifikat bil-kawza l-konvenut ma wegibx u waqa' fis-stat ta' kontumacja, u ghalkemm gie msejjah ghas-subizzjoni fis-seduta ta' wara, baqa' ma deherx. Is-socjeta attrici ipprezentatat bhala xhieda lill-John Polidano li kien il-persuna li innota l-hadid fuq il-karrozza, PC 1401, PC821 u rapprezentat tas-socjeta attrici George Stagno Navarra. Ghalhekk mill-provi ipprezentati t-talba hija ipprovati fil-konfront ta' Michael Scicluna.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici fil-konfront tal-konvenut Michael Scicluna u jiddikjara li huwa responsabbli ghad-danni li s-socjeta attrici kienet kostretta thallas bhala assikuratrici tal-vettura EBZ-102. Jikkundana lill-istess konvenut jhallas is-somma ta' seba' mija u hames euro hamsa u ghoxrin

centezmu (€705.25), mid-data tal-kawza odjerna[1]. L-ispejjes tas-socjeta attrici tal-kawza ghandhom jithalsu mill-konvenut Michael Scicluna.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Peress illi ma gietxipprezentata kopja legali tal-ittra ufficjal it-talba ghal-ispejjez tal-istess ittra u l-imghax mid-data tal-ittra ma tistax tintlaqa.